BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**28 ta' Marzu 2014**

**ĦARĠA NRU 12/2013**

**DIĊEMBRU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar l-iżviluppi monetarji għax-xahar ta' Diċembru 2013.

## Depożiti ta' residenti f'Malta

F'Diċembru, id-depożiti li jiffurmaw parti mill-M3 ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€35.2 miljun, jew b'0.4%, fuq ix-xahar ta' qabel (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 8.8% minn 9.6% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Iż-żieda fid-depożiti f'Diċembru seħħet l-aktar minħabba żieda fid-depożiti li jintrabtu sa sentejn. Dawn id-depożiti żdiedu b'€49.8 miljun, jew b'1.3%, minħabba żieda fil-bilanċi tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni, tal-individwi u tal-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti telgħet għal 2.7% minn 0.9% f'Novembru. Fl-istess waqt, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur żdiedu bi €3.3 miljun, jew bi 3.0%, l-aktar minħabba li żdiedu l-bilanċi tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji.

B'kuntrarju għal dan, id-depożiti *overnight*, li kienu qed jiżdiedu minn Mejju, naqsu bi €17.9 miljun, jew b'0.3%, minkejja żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi, hekk kif naqsu l-bilanċi tas-setturi ekonomiċi l-oħra, notevolment tal-kumpaniji mhux finanzjarji. Minħabba f'hekk, ir-rata ta' bidla annwali battiet għal 14.3% minn 17.2% xahar qabel.

## Kreditu mogħti lil residenti f'Malta

F'Diċembru, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta naqas bi €82.9 miljun, jew b'0.7%, fuq ix-xahar ta' qabel. Madankollu, minħabba li l-kreditu kien naqas b'aktar saħħa f'Diċembru 2012, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu rpiljat għal 1.4% minn 1.1% f'Novembru (ara Grafika 2).

Matul ix-xahar, il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi €93.3 miljun, jew bi 3.6%, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek. L-obbligazzjonijiet tal-gvern ġenerali żdiedu bi 8.3% fuq is-sena ta' qabel, minn 7.2% fix-xahar ta' qabel.

Sadattant, il-kreditu lil residenti oħra, inklużi dawk mis-settur privat, żdied b'€10.5 miljun, jew b'0.1%. Dan prinċipalment irrifletta żieda fis-self mogħti lill-individwi għal xiri tad-djar. Is-self lil kumpaniji privati mhux finanzjarji żdied bi ftit matul ix-xahar,

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

wara tnaqqis fit-tmien xhur ta' qabel. Is-self mogħti lis-settur tal-kostruzzjoni żdied għall-ewwel darba wara tnaqqis fit-tul, filwaqt li żdied ukoll il-kreditu lil kumpaniji li joperaw fis-setturi tal-manifattura, u tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel. Ir-rata ta' bidla annwali tal-kreditu lil residenti oħra telgħet għal -0.4% minn -0.6% f'Novembru.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin[1]**

L-assi barranin netti tal-IFM residenti f'Malta naqsu b'€183.7 miljun, jew b'1.9%, fuq ix-xahar ta' qabel, hekk kif tnaqqis fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin kien akbar minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (ara Tabella 1). It-tnaqqis fl-assi barranin irrifletta l-aktar tnaqqis fis-self mogħti lil residenti barranin. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet *(liabilities)* seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fis-self minn banek barranin. It-tnejn li huma rriflettew l-attivitajiet tal-banek internazzjonali li joperaw f'Malta. L-assi barranin netti komplew jonqsu fuq bażi annwali b'21.2%, wara tnaqqis ta' 19.9% f'Novembru.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]**

F'Diċembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha tal-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta żdiedet b'punt bażi fuq ix-xahar ta' qabel għal 1.41%. Bl-istess mod, ir-rata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti f'Malta fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin żdiedet b'punt bażi għal 4.26%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi inqas minn dik offruta sena qabel, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet sitt punti bażi inqas.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro tinkludi obbligazzjonijiet monetarji tal-IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta, kif deskritt fl-ewwel parti ta' din l-istqarrija, kif ukoll lil residenti taż-żona tal-euro barra Malta. Dan l-aggregat żdied b'€215.1 miljun, jew b'1.9%, f'Diċembru, għal €11.6 biljun (ara Tabella 2). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 11.2% f'Diċembru minn 11.3% x-xahar ta' qabel.

It-tkabbir fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'€209.4 miljun, jew b'1.9%, kopra l-biċċa l-kbira taż-żieda fl-M3. F'Diċembru, l-M2 żdied bi 11.7% fuq bażi sena fuq sena, minn 11.8% f'Novembru.

Iż-żieda fl-M2 fuq ix-xahar ta' qabel prinċipalment irriflettiet żieda fid-depożiti li jintrabtu sa sentejn, li żdiedu b'€213.8 miljun, jew b'4.9%. Dan primarjament irrifletta żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur żdiedu bi €3.3 miljun, jew bi 3.0%.

---

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet, u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.



**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

Min-naħa l-oħra, l-aggregat monetarju ristrett (M1), il-kumplament tal-komponent M2, naqas b'€7.7 miljun, jew b'0.1%, minħabba tnaqqis fid-depożiti *overnight* li patta għal żieda fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* naqsu bi €23.3 miljun, jew b'0.4%, primarjament minħabba tnaqqis fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. B'kuntrarju għal dan, il-flus maħruġa żdiedu bi €15.6 miljun, jew bi 2.0%.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'€131.7 miljun, jew b'0.9%, matul Diċembru. Madankollu, il-kreditu naqas b'rata annwali kemxejn inqas mgħaġġla ta' 7.5% f'Diċembru, wara tnaqqis ta' 7.6% f'Novembru.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€84.3 miljun, jew bi 2.2%, matul ix-xahar. Kif issemma qabel, kien hemm tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tal-IFM fuq il-gvern Malti, li patta għal żieda moderata fl-obbligazzjonijiet tal-gvernijiet ta' pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€47.4 miljun, jew b'0.4%, wara tnaqqis fis-self lil intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek li għeleb żieda fis-self lil kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet bi €387.9 miljun, jew b'4.2%. Dan irrifletta tnaqqis sostanzjali fl-obbligazzjonijiet *(liabilities)* li seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fis-self barrani permezz ta' *repurchase agreements*. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet tagħhom fuq kontropartijiet barranin naqsu wkoll, għalkemm fi grad inqas, hekk kif naqas is-self mogħti lil residenti barra ż-żona tal-euro. Madankollu, il-kontroparti esterna naqset fuq bażi sena fuq sena. Ir-rata ta' bidla annwali niżlet għal -5.3% f'Diċembru, minn -4.6% fix-xahar ta' qabel.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'€41.0 miljun, jew b'0.3%, matul ix-xahar. Dan irriżulta minn żieda ta' €354.7 miljun f'obbligazzjonijiet *(liabilities)* oħra (netti) li primarjament irriflettiet żieda fl-obbligazzjonijiet tal-Bank Ċentrali ta' Malta lejn l-Eurosistema. Min-naħa l-oħra, l-obbligazzjonijiet *(liabilities)* fuq żmien itwal tal-IFM naqsu b'€248.0 miljun, l-aktar minħabba tnaqqis fil-valur tar-riżervi li seħħ minħabba ċaqliq fil-prezzijiet tas-suq u fir-rati tal-kambju, tnaqqis fil-qligħ miżmum u r-rimborż ta' kontribuzzjoni kapitali. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet tal-IFM lejn il-gvern ċentrali naqsu b'€65.7 miljun minħabba tnaqqis fid-depożiti tal-gvern mas-sistema bankarja.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Diċ-13 | Nov-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Diċ-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Diċ-13 | Nov-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,666.6** | **9,631.4** | **35.2** | **0.4** | **8,882.4** | **8.8** | **9.6** |
| Depożiti *overnight* | 5,771.0 | 5,788.9 | -17.9 | -0.3 | 5,047.7 | 14.3 | 17.2 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 113.0 | 109.8 | 3.3 | 3.0 | 151.7 | -25.5 | -26.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,782.5 | 3,732.7 | 49.8 | 1.3 | 3,683.0 | 2.7 | 0.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,144.2** | **11,227.1** | **-82.9** | **-0.7** | **10,991.2** | **1.4** | **1.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,478.0 | 2,571.3 | -93.3 | -3.6 | 2,287.1 | 8.3 | 7.2 |
| Self lil setturi oħra | 8,666.2 | 8,655.7 | 10.5 | 0.1 | 8,704.1 | -0.4 | -0.6 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **9,608.6** | **9,792.3** | **-183.7** | **-1.9** | **12,195.4** | **-21.2** | **-19.9** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 40,398.9 | 41,307.5 | -908.6 | -2.2 | 43,113.9 | -6.3 | -6.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,790.3 | 31,515.2 | -724.9 | -2.3 | 30,918.5 | -0.4 | -1.4 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*EUR miljuni*

| | Diċ-13 | Nov-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Diċ-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Diċ-13 | Nov-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,727.6** | **6,735.3** | **-7.7** | **-0.1** | **5,944.0** | **13.2** | **15.5** |
| Flus maħruġa(4) | 778.7 | 763.0 | 15.6 | 2.0 | 726.5 | 7.2 | 6.9 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,948.9 | 5,972.3 | -23.3 | -0.4 | 5,217.4 | 14.0 | 16.7 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **11,461.7** | **11,252.3** | **209.4** | **1.9** | **10,260.4** | **11.7** | **11.8** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,727.6 | 6,735.3 | -7.7 | -0.1 | 5,944.0 | 13.2 | 15.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 113.1 | 109.8 | 3.3 | 3.0 | 153.2 | -26.2 | -27.3 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 4,621.0 | 4,407.2 | 213.8 | 4.9 | 4,163.1 | 11.0 | 8.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **11,627.1** | **11,412.0** | **215.1** | **1.9** | **10,451.9** | **11.2** | **11.3** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 11,461.7 | 11,252.3 | 209.4 | 1.9 | 10,260.4 | 11.7 | 11.8 |
| Titoli negozjabbli(6) | 165.4 | 159.7 | 5.7 | 3.6 | 191.5 | -13.6 | -15.8 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,433.3** | **14,565.0** | **-131.7** | **-0.9** | **15,603.3** | **-7.5** | **-7.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,773.3 | 3,857.6 | -84.3 | -2.2 | 3,548.2 | 6.3 | 4.9 |
| Self lil setturi oħra | 10,660.0 | 10,707.4 | -47.4 | -0.4 | 12,055.0 | -11.6 | -11.4 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,567.1** | **9,179.2** | **387.9** | **4.2** | **10,103.2** | **-5.3** | **-4.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 31,465.6 | 32,180.2 | -714.6 | -2.2 | 32,576.8 | -3.4 | -3.3 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 21,898.5 | 23,001.0 | -1,102.5 | -4.8 | 22,473.6 | -2.6 | -2.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **12,373.3** | **12,332.3** | **41.0** | **0.3** | **15,254.6** | **-18.9** | **-18.5** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 491.2 | 556.9 | -65.7 | -11.8 | 503.9 | -2.5 | -16.7 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 9,744.6 | 9,992.6 | -248.0 | -2.5 | 12,680.2 | -23.2 | -21.5 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,137.5 | 1,782.8 | 354.7 | 19.9 | 2,070.5 | 3.2 | 2.8 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.